DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/1766

tal-25 ta' Settembru 2017

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-FSE stabbilit skont il-Ftehim Interim li jistabbilixxi qafas ta' Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-Afrika tal-Lvant u tan-Nofsinhar, min-naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, rigward l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea u bidliet fil-lista ta' pajjiżi u territorji assoċjati mal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), l-Artikolu 211 u l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Interim li jistabbilixxi qafas ta' Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-Afrika tal-Lvant u tan-Nofsinhar, min-naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim Interim li jistabbilixxi qafas ta' Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-Afrika tal-Lvant u tan-Nofsinhar, min-naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), ilu japplika provviżorjament mill-14 ta' Mejju 2012.

(2) It-Trattat li jikkonċerna l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, ġie ffirmat fid-9 ta' Diċembru 2011 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2013.

(3) Ir-Repubblika tal-Kroazja aderiet mal-Ftehim fit-22 ta' Marzu 2017 billi ddepożitat l-att ta' adeżjoni tagħha.

(4) Skont l-Artikolu 67 tal-Ftehim, il-Kumitat FSE jista' jiddeċiedi dwar kwalunkwe miżura emendatorja li tista' tkun neċessarja b'rabta mal-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda mal-Unjoni.

(5) L-Artikolu 70 tal-Ftehim jistipula li l-Annessi u l-Protokolli għal dan il-Ftehim jiffurmaw parti integrali minnu u jistgħu jkunu rieżaminati jew emendati mill-Kumitat tal-FSE.

(6) Wara l-bidla fl-istatus ta' Mayotte ([2]) u Saint Barthélemy ([3]), u d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE ([4]) dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u tat-territorji *extra*-Ewropej mal-Unjoni Ewropea, il-lista ta' pajjiżi u territorji *extra*-Ewropej fl-Anness IX għall-Protokoll 1 għall-Ftehim jenħtieġ li tiġi aġġornata.

(7) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottat f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-FSE rigward l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea u dwar il-bidliet fl-istatus ta' ċertu pajjiżi u territorji assoċjati mal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-FSE stabbilit skont il-Ftehim Interim li jistabbilixxi qafas ta' Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-Afrika tal-Lvant u tan-Nofsinhar, min-naħa, u l-Komunità

([1]) ĠU L 111, 24.4.2012, p. 2.
([2]) I-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2012/419/UE tal-11 ta' Lulju 2012 li temenda l-istatus tal-Majott fir-rigward tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 204, 31.7.2012, p. 131).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2010/718/UE tad-29 ta' Ottubru 2010 li timmodifika l-istatus tal-gżira ta' Saint-Barthélemy fir-rigward tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 325, 9.12.2010, p. 4).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE tal-25 ta' Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji barranin mal-Unjoni Ewropea ("Id-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija") (ĠU L 344, 19.12.2013, p. 1).

Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, rigward l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea u bidliet fil-lista ta' pajjiżi u territorji assoċjati mal-Unjoni, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni mehmuż.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat tal-FSE jistgħu jaqblu dwar bidliet żgħar fl-abbozz tad-Deċiżjoni mingħajr ebda deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Settembru 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

M. MAASIKAS

ANNESS

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru …/2017 TAL-KUMITAT TAL-FSE STABBILIT MILL-FTEHIM INTERIM LI JISTABBILIXXI QAFAS GĦAL FTEHIM TA' SĦUBIJA EKONOMIKA BEJN L-ISTATI TAL-AFRIKA TAL-LVANT U TAN-NOFSINHAR, MIN-NAĦA, U L-KOMUNITÀ EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA MIN-NAĦA L-OĦRA,

ta' …

rigward l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea u bidliet fil-lista ta' pajjiżi u territorji assoċjati mal-Unjoni Ewropea

IL-KUMITAT TAL-FSE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Interim li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-Afrika tal-Lvant u tan-Nofsinhar, min-naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ([1]) ("il-Ftehim"), iffirmat fi Grand Baie fid-29 ta' Awwissu 2009 u applikat provviżorjament mill-14 ta' Mejju 2012, u b'mod partikolari l-Artikoli 63, 67 u 70 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, u l-att ta' adeżjoni mal-Ftehim depożitat mir-Repubblika tal-Kroazja fit-22 ta' Marzu 2017,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 63 tal-Ftehim, il-Ftehim japplika, minn naħa waħda, għat-territorji li fihom jiġi applikat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u skont il-kundizzjonijiet stipulati f'dak it-Trattat u, min-naħa l-oħra, għat-territorji tal-Istati Firmatarji tal-Afrika tal-Lvant u tan-Nofsinhar ("l-Istati tal-ESA").

(2) Skont l-Artikolu 67(3) tal-Ftehim, il-Kumitat tal-FSE jista' jiddeċiedi dwar kull miżura emendatorja li tista' tkun meħtieġa wara l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda mal-Unjoni Ewropea.

(3) L-Artikolu 70 tal-Ftehim jistipula li l-Annessi u l-Protokolli għall-Ftehim jiffurmaw parti integrali minnu u jistgħu jiġu rieżaminati jew emendati mill-Kumitat tal-FSE.

(4) Wara l-bidla fl-istatus ta' Mayotte ([2]) u Saint Barthélemy ([3]), u d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji *extra*-Ewropej mal-Unjoni Ewropea ([4]), il-lista ta' pajjiżi u territorji *extra*-Ewropej fl-Anness IX għall-Protokoll 1 tal-Ftehim jenħtieġ li tiġi aġġornata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-Repubblika tal-Kroazja, bħala Parti għall-Ftehim, għandha, bl-istess mod bħall-Istati Membri l-oħra tal-Unjoni, rispettivament tadotta u tieħu nota tat-testi tal-Ftehim, kif ukoll tal-Annessi, il-Protokolli u d-Dikjarazzjonijiet mehmuża miegħu.

([1]) ĠU L 111, 24.4.2012, p. 2.
([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2012/419/UE tal-11 ta' Lulju 2012 li temenda l-istatus tal-Majott fir-rigward tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 204, 31.7.2012, p. 131.)
([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2010/718/UE tad-29 ta' Ottubru 2010 li timmodifika l-istatus tal-gżira ta' Saint-Barthélemy fir-rigward tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 325, 9.12.2010, p. 4).
([4]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE tal-25 ta' Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji *extra*-Ewropej mal-Unjoni Ewropea ("Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea") (ĠU L 344, 19.12.2013, p. 1).

Artikolu 2

Il-Ftehim huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 69 huwa sostitwit bis-segwenti:

"*Artikolu 69*

Testi awtentiċi

Dan il-Ftehim tfassal f'żewġ kopji, bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Netherlandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża u Żvediża b'kull wieħed minn dawn it-testi jkun awtentiku b'mod ugwali.".

(2) L-Anness IV għall-Protokoll 1 huwa sostitwit bis-segwenti:

"*ANNESS IV għall-Protokoll 1*

Id-dikjarazzjoni fuq fattura

Id-dikjarazzjoni fuq fattura, li t-test tagħha jinsab hawn taħt, jeħtieġ li ssir skont in-noti f'qiegħ il-paġna. Madankollu, in-noti f'qiegħ il-paġna ma għandhomx għalfejn jiġu riprodotti.

Il-verżjoni bil-Bulgaru

Износителят на продуктите, обхванати от този документ (митническо разрешение № … ([1])) декларира, че освен където е отбелязано друго, тези продукти са с … преференциален произход ([2]).

Il-verżjoni bl-Ispanjol

El exportador de los productos incluidos en el presente documento (autorización aduanera n.º … ([1])) declara que, salvoindicación en sentido contrario, estos productos gozan de un origen preferencial … ([2]).

Il-verżjoni bil-Kroat

Izvoznik proizvoda obuhvaćenih ovom ispravom (carinsko ovlaštenje br … ([1])) izjavljuje da su, osim ako je drukčije izričito navedeno, ovi proizvodi … ([2]) preferencijalnog podrijetla.

Il-verżjoni biċ-Ċek

Vývozce výrobků uvedených v tomto dokumentu (číslo povolení … ([1])) prohlašuje, že kromě zřetelně označených mají tyto výrobky preferenční původ v … ([2]).

Il-verżjoni bid-Daniż

Eksportøren af varer, der er omfattet af nærværende dokument, (toldmyndighedernes tilladelse nr. … ([1])), erklærer, at varerne, medmindre andet tydeligt er angivet, har præferenceoprindelse i … ([2]).

Il-verżjoni bil-Ġermaniż

Der Ausführer (Ermächtigter Ausführer; Bewilligungs-Nr. … ([1])) der Waren, auf die sich dieses Handelspapier bezieht, erklärt, dass diese Waren, soweit nicht anderes angegeben, präferenzbegünstigte … ([2]) Ursprungswaren sind.

Il-verżjoni bl-Estonjan

Käesoleva dokumendiga hõlmatud toodete eksportija (tolli kinnitus nr … ([1])) deklareerib, et need tooted on … ([2]) sooduspäritoluga, välja arvatud juhul, kui on selgelt näidatud teisiti.

Il-verżjoni bil-Grieg

Ο εξαγωγέας των προϊόντων που καλύπτονται από το παρόν έγγραφο (άδεια τελωνείου υπ'αριθ. … ([1])) δηλώνει ότι, εκτός εάν δηλώνεται σαφώς άλλως, τα προϊόντα αυτά είναι προτιμησιακής καταγωγής … ([2]).

Il-verżjoni bl-Ingliż

The exporter of the products covered by this document (customs authorisation No … ([1])) declares that, except where otherwise clearly indicated, these products are of … ([2]) preferential origin.

Il-verżjoni bil-Franċiż

L'exportateur des produits couverts par le présent document (autorisation douanière n° … ([1])) déclare que, sauf indication claire du contraire, ces produits ont l'origine préférentielle … ([2])

Il-verżjoni bit-Taljan

L'esportatore delle merci contemplate nel presente documento (autorizzazione doganale n. … ([1])) dichiara che, salvo indicazione contraria, le merci sono di origine preferenziale … ([2])

Il-verżjoni bil-Latvjan

To produktu eksportētājs, kuri ietverti šajā dokumentā (muitas atļauja Nr. … ([1])), deklarē, ka, izņemot tur, kur ir citādi skaidri noteikts, šiem produktiem ir preferenciāla izcelsme … ([2]).

Il-verżjoni bil-Litwan

Šiame dokumente išvardytų prekių eksportuotojas (muitinės liudijimo Nr. … ([1])) deklaruoja, kad, jeigu kitaip nenurodyta, tai yra … ([2]) preferencinės kilmės prekės.

Il-verżjoni bl-Ungeriż

A jelen okmányban szereplő áruk exportőre (vámfelhatalmazási szám: … ([1])) kijelentem, hogy eltérő egyértelmű jelzés hiányában az áruk preferenciális … ([2]) származásúak.

Il-verżjoni bil-Malti

L-esportatur tal-prodotti koperti b'dan id-dokument (awtorizzazzjoni tad-dwana nru. … ([1])) jiddikjara li, ħlief fejn indikat b'mod ċar li mhux hekk, dawn il-prodotti huma ta' oriġini preferenzjali … ([2]).

Il-verżjoni bin-Netherlandiż

De exporteur van de goederen waarop dit document van toepassing is (douanevergunning nr. … ([1])), verklaart dat, behoudens uitdrukkelijke andersluidende vermelding, deze goederen van preferentiële … oorsprong zijn ([2])

Il-verżjoni bil-Pollakk

Eksporter produktów objętych tym dokumentem (upoważnienie władz celnych nr … ([1])) deklaruje, że z wyjątkiem gdzie jest to wyraźnie określone, produkty te mają … ([2]) preferencyjne pochodzenie.

Il-verżjoni bil-Portugiż

O abaixo-assinado, exportador dos produtos abrangidos pelo presente documento (autorização aduaneira n.º … ([1])), declara que, salvo indicação expressa em contrário, estes produtos são de origem preferencial … ([2])

Il-verżjoni bir-Rumen

Exportatorul produselor ce fac obiectul acestui document (autorizația vamală nr. … ([1])) declară că, exceptând cazul în care în mod expres este indicat altfel, aceste produse sunt de origine preferențială … ([2]).

Il-verżjoni bis-Sloven

Izvoznik blaga, zajetega s tem dokumentom (pooblastilo carinskih organov št … ([1])) izjavlja, da, razen če ni drugače jasno navedeno, ima to blago preferencialno … ([2]) poreklo.

Il-verżjoni bis-Slovakk

Vývozca výrobkov uvedených v tomto dokumente (číslo povolenia … ([1])) vyhlasuje, že okrem zreteľne označených, majú tieto výrobky preferenčný pôvod v … ([2]).

Il-verżjoni bil-Finlandiż

Tässä asiakirjassa mainittujen tuotteiden viejä (tullin lupa n:o … ([1])) ilmoittaa, että nämä tuotteet ovat, ellei toisin ole selvästi merkitty, etuuskohteluun oikeutettuja … alkuperätuotteita ([2]).

Il-verżjoni bl-Iżvediż

Exportören av de varor som omfattas av detta dokument (tullmyndighetens tillstånd nr. … ([1])) försäkrar att dessa varor, om inte annat tydligt markerats, har förmånsberättigande … ursprung ([2]).

..... ([3])

(Post u data)

..... ([4])

(Il-firma tal-esportatur; minbarra dan, l-isem tal-persuna li tiffirma d-dikjarazzjoni għandu jkun indikat b'kitba ċara)

Noti

([1]) Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura timtela minn esportatur approvat fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 22 tal-Protokoll, in-numru tal-awtorizzazzjoni tal-esportatur approvat għandu jitniżżel f'dan l-ispazju. Meta d-dikjarazzjoni fuq il-fattura ma ssirx minn esportatur approvat, ħalli l-kliem fil-parenteżi barra jew ħalli l-ispazju vojt.

([2]) L-oriġini tal-prodotti għandha tkun indikata. Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura tkun kollha jew parzjalment dwar prodotti li joriġinaw minn Ceuta u Melilla fit-tifsira tal-Artikolu 40 tal-Protokoll, l-esportatur għandu jindikahom b'mod ċar fid-dokument li fih issir id-dikjarazzjoni permezz tas-simbolu "CM".

([3]) Dawn l-indikazzjonijiet jistgħu jitħallew barra jekk l-informazzjoni tkun inkluża fid-dokument innifsu.

([4]) Ara l-Artikolu 21(5) tal-Protokoll. F'każijiet fejn l-esportatur ma jkollux għalfejn jiffirma, l-eżenzjoni mill-firma timplika wkoll eżenzjoni mill-isem tal-firmatarju.".

Artikolu 3

L-Unjoni Ewropea għandha tikkomunika lill-Istati tal-ESA il-verżjoni tal-Ftehim bil-lingwa Kroata.

Artikolu 4

1. Il-Ftehim għandu jiġi applikat għall-merkanzija esportata, jew minn wieħed mill-Istati tal-ESA lejn ir-Repubblika tal-Kroazja jew mir-Repubblika tal-Kroazja lejn wieħed mill-Istati tal-ESA, li jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 għall-Ftehim u li fl-1 ta' Lulju 2013 kienet jew fi tranżitu jew f'maħżen temporanju, f'maħżen doganali jew f'żona libera f'wieħed mill-Istati tal-ESA jew fir-Repubblika tal-Kroazja.

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandu jingħata trattament preferenzjali, soġġett għall-preżentazzjoni, lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż importatur, fi żmien erba' xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, ta' prova ta' oriġini maħruġa b'mod retrospettiv mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż esportatur.

Artikolu 5

L-Istati tal-ESA għandhom jieħdu l-impenn li ma jagħmlu l-ebda pretensjoni, talba jew rinviju u lanqas jimmodifikaw jew jirtiraw xi konċessjoni skont l-Artikoli XXIV.6 u XXVIII tal-GATT 1994 jew l-Artikolu XXI tal-GATS rigward l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 6

L-Anness IX għall-Protokoll 1 għall-Ftehim huwa sostitwit bis-segwenti:

"*ANNESS IX għall-Protokoll 1*

Pajjiżi u territorji *extra*-Ewropej

Fit-tifsira ta' dan il-Protokoll, 'pajjiżi u territorji *extra*-Ewropej' tfisser il-pajjiżi u t-territorji msemmija fil-Parti Erbgħa tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea li huma elenkati hawn taħt:

(Din il-lista hija mingħajr preġudizzju għall-istatus ta' dawn il-pajjiżi u territorji, jew tibdiliet futuri fl-istatus tagħhom.)

1. Il-pajjiżi u t-territorji *extra*-Ewropej li għandhom relazzjonijiet speċjali mar-Renju tad-Danimarka:

   — Greenland.

2. Il-pajjiżi u t-territorji *extra*-Ewropej li għandhom relazzjonijiet speċjali mar-Repubblika Franċiża:

   — New Caledonia u d-Dipendenzi tagħha,

   — Il-Polineżja Franċiża,

   — Saint Pierre u Miquelon,

   — Saint Barthélemy,

   — It-Territorji Franċiżi tan-Nofsinhar u tal-Antartiku,

   — Wallis u Futuna

3. Il-pajjiżi u t-territorji *extra*-Ewropej li għandhom relazzjonijiet speċjali mar-Renju tan-Netherlands:

   — Aruba,

   — Bonaire,

   — Curaçao,

   — Saba,

   — Sint Eustatius,

   — Sint Maarten.

4. Il-pajjiżi u t-territorji *extra*-Ewropej li għandhom relazzjonijiet speċjali mar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq:

   — Anguilla,

   — Bermuda,

   — Il-Gżejjer Cayman,

   — Il-Gżejjer Falkland,

   — South Georgia u s-South Sandwich Islands,

   — Montserrat,

   — Pitcairn,

   — Saint Helena and d-Dipendenzi tagħha,

   — It-Territorju Brittaniku tal-Antartiku

   — It-Territorju Britanniku tal-Oċean Indjan,

   — Il-Gżejjer Turks u Caicos,

   — Il-Gżejjer Verġni Brittaniċi.".

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi …

L-Artikoli 3 u 4 għandhom japplikaw b'effett mill-1 ta' Lulju 2013.

Magħmul fi, ….

Għall-Istati tal-ESA firmatarji *Għall-Unjoni Ewropea*